



30.1.2015

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** Petizzjoni 1350/2013, imressqa minn Thierry Lambin, ta' ċittadinanza Belġjana, dwar il-perikli inerenti għall-esportazzjoni ta' karozzi diġà użati lejn ir-Rumanija u l-Bulgarija

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jgħix ir-Rumanija u nnota li ħafna żgħażaġh Rumani qed isuqu karozzi diġà użati importati mill-Ewropa tal-Punent. Ta' spiss dawn il-vetturi ma jkunux miżmuma tajjeb u qed ikunu ta' periklu għall-utenti tat-triq. Kull sena, ħafna żgħażaġh Rumani u Bulgari jmutu bla bżonn finċidenti tat-traffiku minħabba karozzi li mhumiex sikuri. Il-petizzjonant iqis bħala reat l-esportazzjoni lejn l-Ewropa tal-Lvant ta' karozzi diġà użati li ma għadhomx jikkonformaw mar-rekwiżiti tekniċi li japplikaw fil-Punent tal-Unjoni. Huwa jitlob lill-Parlament Ewropew jieħu miżuri biex itemm l-għadd kbir ta' inċidenti tat-traffiku dovuti għall-kummerċ bla skrupli f'karozzi teknikament difettużi.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-15 ta' April 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

#### Il-kummenti tal-Kummissjoni

i) dwar il-moviment liberu tal-merkanzija fi ħdan l-UE — Artikolu 34 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE)

- Ir-regoli relatati mal-moviment liberu tal-merkanzija fl-Unjoni Ewropea huma ppreżentati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u ġew ikkomplementati u speċifikati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE).
- L-Artikolu 34 tat-TFUE jgħid li: *"Restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u kull miżura li għandha effett ekwivalenti għandhom ikunu projbiti bejn l-Istati Membri."*

L-Artikolu 36 tat-TFUE jgħid li: *"Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 34 u 35 inklużi m'għandhomx jeskludu projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet dwar l-importazzjoni, esportazzjoni jew transitu meta dawn ikunu ġustifikati abbażi ta' moralità pubblika, ordni pubbliku, sigurtà pubblika, il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja ta' persuni jew ta' annimali, jew il-preservazzjoni tal-pjanti, il-protezzjoni tal-patrimonju nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku jew il-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali. Madankollu dawn il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet m'għandhomx jikkostitwixxu la mezz ta' diskriminazzjoni arbitraria u lanqas restrizzjoni moħbija tal-kummerċ bejn l-Istati Membri."*

- Jirriżulta li, għalkemm il-karozzi użati jibbenefikaw mill-moviment liberu bejn l-Istati Membri tal-UE, l-Istati Membri għandhom il-possibilità li jikkonċedu deroga mill-moviment liberu billi jadottaw miżuri bil-għan li jiżguraw is-sigurtà fit-toroq fit-territorju tagħhom.
- Il-QtĠ-UE ċċarat li, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet ta' armonizzazzjoni fil-livell Ewropew, huma l-Istati Membri li jiddeċiedu sa liema livell iridu jiżguraw is-sigurtà fit-toroq fit-territorju tagħhom, filwaqt li jqisu r-rekwiżiti tal-moviment liberu tal-merkanzija fi ħdan l-UE (kawża C-110/05 *Il-Kummissjoni vs l-Italja* [2009] Ġabra I-519).
- Għalhekk, huwa f'idejn l-awtoritajiet Rumeni biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw is-sigurtà fit-toroq fit-territorju Rumani, inkluż fir-rigward tal-karozzi użati li jiġu minn Stati Membri oħra tal-UE. Madankollu dawn il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati meta mqabbla mal-għan imfittex.

ii) dwar il-kundizzjoni teknika tal-vetturi - id-Direttiva 2009/40/KE dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq

- Id-Direttiva 2009/40/KE dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq tistabbilixxi l-qafas ta' referenza għall-verifika tal-kundizzjoni teknika tal-vetturi. It-testijiet imwettqa fil-qafas tal-kontroll tekniku għandhom jindikaw jekk il-vettura hijiex sigura biex tintuża fit-toroq pubbliċi, u jekk tissodisfax l-obbligi imposti f'termini ta' sigurtà fit-toroq u ta' protezzjoni tal-ambjent. Fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-vetturi użati importati, dawn il-vetturi l-ewwel għandhom jiġu reġistrati fl-Istat Membru fejn ikunu ġew importati, qabel ma jkunu jistgħu jintużaw fit-toroq pubbliċi. L-Artikolu 5(a) tad-Direttiva jipprevedi l-possibilità li Stat Membru

jitlob li l-vettura inkwistjoni tkun soġġetta għal test tal-kondizzjoni għat-triq qabel ir-reġistrazzjoni. Madankollu dawn it-testijiet jistgħu biss jintalbu b'mod mhux diskriminatorju u, konsegwentement, ma għandhomx jikkonċernaw biss il-vetturi użati importati. Din il-possibilità nżammet fit-tielet inċiż tal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2014/45/UE li ġiet adottat reċentement (u li hija r-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar it-testijiet tal-affidabilità stradali għal vetturi bil-mutur), li jipprevedi l-possibilità li l-Istati Membri jistgħu jitolbu li jsiru testijiet tekniċi addizzjonali meta jinbidel id-detentur tar-reġistrazzjoni.

- Fid-dawl ta' dan, l-Istati Membri jistgħu jitolbu li vettura tkun soġġetta għal kontroll tekniċu qabel ma tiġi reġistrata, sabiex jiġi garantit li l-vettura hija awtorizzata tivvjaġġa fit-toroq pubbliċi b'mod sikur u li jikkonforma mar-rekwiżiti ambjentali meħtieġa.

### Konklużjoni

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Istati Membri tal-UE, il-Kummissjoni tqis li s-sigurtà fit-toroq tista' tiġġustifika miżuri li jirrestrinġu l-moviment liberu. Ir-Rumanija hija responsabbli mill-implimentazzjoni ta' miżuri adatti biex tiżgura s-sigurtà fit-toroq fit-territorju tagħha. F'każ li l-miżuri inkwistjoni jkunu jistgħu jillimitaw il-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Istati Membri, dawn m'għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tas-sigurtà fit-toroq.

Il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar it-testijiet tal-affidabilità stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom diġà tipprevedi b'mod mhux diskriminatorju l-possibilità li l-Istati Membri jitolbu testijiet addizzjonali qabel ir-reġistrazzjoni ta' vetturi użati. Huwa f'idejn l-Istati Membri biex jużaw din il-fakultà bil-għan li tittejjeb is-sigurtà fit-toroq.